MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 664/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Marica Pickard u l-istess Marica Pickard**

**vs**

**Raymond Moore**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u dsatax-il lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm719.21), rappresentanti l-hlas ta' danni sofferti f'incident stradali li sehh fit-2 ta' Dicembru 2000 fiz-Zejtun bejn vettura tal-marka Nissan bin-numru ta' registrazzjoni MRC 777 misjuqa mill-attrici u vettura tal-marka Toyota Hi-Ace bin-numru ta' registrazzjoni BVY-010 misjuqa mill-konvenut, liema danni huma dovuti in kwantu ghal Lm612.21, lis-socjeta attrici nomine u Lm100 lill-attrici.

Bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' konsult u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata ma' l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax min-notifika tal-avviz kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas li jidher, kemm fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli, kif ukoll ghas-seduta tal-llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u dsatax-il lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm719.21) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma' l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------